MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 1717/2010/1

**Talba Numru: 1717/2010/YMS fl-ismijiet: -**

**Louis u Maria Dolores *sive* Doreen konjugi Cuschieri (ID:26556M u 604156M)**

**vs**

**Carmelo u Catherine konjugi Mifsud (ID:713647M u 44254M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fid-9 ta' Gunju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

**Ra** *li fl-avviz qed tintalab rifuzjoni tas-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) rapprezentanti hlas li sar lill-intimata fuq mandat ta' sekwestru li kien gie intavolat kontra r-rikorrenti fuq debitu in solidum ma' ohrajn inkluz certu Salvatore Micallef, izda li l-intimat kien accetta hlas finali mill-istess Salvatore Micallef fis-16 ta' Gunju 2010 skont l-iskrittura annessa mal-avviz u b'hekk l-ammont imhallas mir-rikorrenti fil-fatt mhux dovut.*

*Inoltre qed jintalab il-hlas ta' hamsa u tmenin ewro (€85) ghall-ispejjes sabiex isir kontro-mandat; kif ukoll l-imghax legali fuq is-somma totali.*

**Ra** *r-risposta tal-konvenut formulata kif gej:-*

*1. Illi t-talbiet atrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu kull flejjes imhallsa mill-atturi kienu in segwitu u fuq skorta ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2010 (Dok "CM 1") bin-numru 1274/02 u taxxa ufficjali mahruga.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi obbligaw ruhhom li jhallsu l-bilanc dovut minnhom sal-ahhar ta' Novembru 2010 u kien ghalhekk li sar kontromandat tal-Mandat ta' Sekwestru 1499/10 liema somma baqghet ma thallsitx u ghalhekk mhux talli s-somom mhallsa ma ghandhomx jigu rifuzi izda l-atturi ghad fadlilhom bilanc xi jhallsu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti in subizzjoni.*

***PROVI***

***A.*** **Ra** *l-provi prodotti u fl-ewwel lok tajjeb li tigi riprodotta l-iskrittura mehmuz mal-avviz, bil-marixxal Emanuel Stivala bhala xhud u li tghid dan:*

*Illum 16 ta' Gunju 2010*

*Nghid u nizgura illi wara li segwejt dan il-mandat ta' Carmel Mifsud et vs Salvatore Micallef fl-indirizz moghti lili, My Nest, Jockey Lane, Marsa li sar fil-5 ta' Gunju 2010 sar ftehim bejn il-partijiet li thallas ammont kollu lil Carmel Mifsud b'flus cash u b'hekk kull mandat ta' Sekwestru jew Mandat ta' qbid no 949/2010 ser ikollu jigi mnaqqas minn kollox u Salvatore Mifsud ma jkollux iktar x'jaqsam iktar minghand Carmel Mifsud et. Dina dikjarazzjoni saret minn Kreditur Carmel Mifsud; Nerga nghid li sar ftehim bejniethom. Nghid ukoll li Salvatore Micallef hallas €5000 billi dak kellu biex ihallas*

| | | |
|---|---|---|
| *Marshall* | *Kreditur* | *Debitur* |
| *Emanuel Stivala* | *Carmel Mifsud* | *Salvatore Micallef* |
| *(firma)* | *(firma)* | *(firma)* |
| *Xhud* | | |

*Dikjarazzjoni sar minn zewg partijiet tal-Mandat 944/20F quddiem il-Marixxal Emanuel Stivala.*

***B. Il-Marixxal Stivala** ikkonferma li l-iskrittura msemmija hi kitba tieghu. Sar quddiemu pagament ta' €5000 minn Salvatore Micallef lil Carmelo Mifsud (it-tnejn minn nies li sab fuq il-post) u l-hlas kien "in full and final settlement" jigifieri li Mifsud issetilja ma' Micallef u ma riedx flus aktar minghandu.*

***C1. Louis Cuschieri,** attur, spjega li hu, Joseph Aquilina u Salvatore Micallef kellhom ihallsu somma flus "in solidum" lil Mifsud u waqt li hu u Aquilina ghamlu dan, Micallef le. Jidher li eventwalment Mifsud fittex lil Micallef u dan hallsu, izda "ahna rcevejn karti li ahna rridu nhallsu l-kumplament. Mela, sar sekwestru u jien ghalija ma kinetx xi haga sabieha u allura jiena hallast €2500 lil Mifsud izda kien fadal xi bilanc".*

***2.** Meta hu gharraf b'dan lil Micallef, dan qallu li ma kellu jaghti xejn lil Mifsud u wrieh l-Iskrittura esibita. Izda x-xhud isostni li hu ghandu jircievi lura l-flus li hallas kif imsemmi fl-avviz. Meta hallas, hu ma kienx jaf bl-Iskrittura esibita.*

***D. Saviour Micallef**, xehed hekk:-*

*Mela, jiena s-Sur Carmelo Mifsud hallastu hamest elef euro wara li ghamilli mandat u ghamilna ftehim quddiem il-Marixxal, hux hekk? Jiena nghid li tajtu l-ammont kollu li kelli ntih. Jien meta gie l-Marixxal ma hallast xejn imma hallast wara. Kien hemm il-Marixxal xhud. Qed nara a fol 2 karta li naf li ffirmajt jien. Jiena ma' Mifsud ftehmna fuq somma u dik kienet it-tali somma u jiena tajthielu quddiem il-Marixxal. Ma semmili xejn iktar.*

***E. Dr. Franco Galea**, difensur tal-konvenuti xehed u ta xi spjegazzjonijiet u jkun ahjar li ssir riferenza diretta ghax-xhieda tieghu. Inoltre l-istess avukat esebixxa bhala Dok "FG", kopja tar-"Risposta ta' Carmel u Catherine konjugi Mifsud KI nru 71364M u 44254M rispettivament" fir-Rikors nru 33/2011 JRM fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 1888/10 fl-ismijiet Carmel u Catherine konjugi Mifsud u Louis Cuschieri u Maria Dolores konjugi Cuschieri.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*1. Ezattament x'qed jitolbu l-atturi **minn quddiem dan it-Tribunal?** Qed jirriferu ghal kawza bejn il-konvenuti odjerni (bhala allura atturi) kontra l-atturi odjerni (allura konvenuti) li kienet tinvolvi wkoll tnejn minn nies ohra, Salvatore Micallef u Joseph Aquilina, li spiccat bhala App Civ 1274/02 deciz fid-29 ta' Jannar 2010. Dana wara negozju bejn l-erbat irgiel li kollha mizzewgin barra Micallef u ghalhekk fl-occhio jidhru l-konjugi.*

*2. In sewgitu ghal dak il-gudikat hargu mandat in esekuzzjoni tas-sentenza li kienet dik originali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili konfermata "in toto" fil-Qorti tal-Appell. In fatti fl-atti tal-kawza odjerna giet esibita r-risposta, l-konvenuti odjerni ressqu fir-rikors prezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nru 33/11/JRM fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 1888/10 fl-ismijiet Carmel u Catherine konjugi Mifsud vs Louis u Maria Dolores konjugi Cuschieri. Dik il-kawza naturalment ghandha effett dirett fuq dak li qed jitolbu l-atturi fil-kawza odjerna.*

*3. Jigi osservat ukoll li l-atturi qed jirriferu ghal Skrittura ta' transazzjoni, ossia hlas a saldu, bejn il-konvenut u Salvatore Micallef **li mhux parti** fil-kawza quddiem dan it-TRIBUNAL.*

*4. Mhux barra minn loku li jigi osservat, avolja ma tqanqalx qabel li dan mhux kaz ta' semplici "money claim"*

***DECIZJONI***

*Meta jqis dan kollu it-TRIBUNAL jara li ma jistax jintralca ruhu fi proceduri ohra u ghal din ir-raguni ma jistax jilqa' t-talbiet kontenuti fl-avviz quddiemu u dana bla pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-atturi, si et quatenus. Fic-cirkostanzi hu xieraq li b'sens ta' ekwita' l-ispejjes ta' dan l-avviz jibqghu biz-zewg nahat ihallsu l-ispejjes taghhom."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Louis u Marija Dolores sive Doreen konjugi Cuschieri datat 24 ta' Gunju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressaq tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Carmen u Catherine konjugi Mifsud (Karta tal-Identita Nru 713647(M) u 44254 (M) rispettivamet, datata 21 ta' Novembru 2011 a fol 5 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Franco Galea ghall-appellati prezenti u Dr. Malcolm Mifsud ghall-appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Gunjul 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kien skorrett meta sostna li t-talba tal-appellanti ma kinitx semplici *money claim* u ghalhekk l-istess Tribunal ma kellux kompetenza li jisma' dan il-kaz.

Illi din il-Qorti thoss li fil-fatt l-istess appellanti ghandu ragun fuq dan il-punt, ghaliex dak li l-Tribunal Ghal Talbiet Zghar qal fir-rigward tal-azzjoni attrici kien li l-kawzali qed tirreferi ghal dak li gara wara l-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2010 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Mifsud et vs Louis Cuschieri et"** fejn il-konvenuti hemm indikati, inkluz l-attur odjern gew ikkundannati jhallsu lill-atturi f'dik il-kawza s-somma ta' Lm10,000 bl-imghaxijiet mid-data tac-citazzjoni, u dan ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 17 ta' Ottubru 2007.
Illi in segwitu ghal dan jidher li saru diversi mandati esekuttivi fosthom mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrenti datat 29 ta' Settembru 2010 fl-ammont ta' €3,750, u jinghad li l-konvenut kien hallas l-ammont ta' €2,500 lill-konvenuti wara li l-istess konvenuti allegatament ircevew pagament per saldo minghand Salvatore Micallef fis-16 ta' Gunju 2010 kif jidher mill-iskrittura esebita a fol. 2 tal-process; ghalhekk l-istess appellant qed jikkontendi li l-ammont li hallas ta' €2,500 ma kienx dovut minnu ghaliex l-appellati kienu accettaw pagament per saldo minghand it-terz Salvatore Micallef, li ma kienx involut f'din il-kawza.

Illi din ghalhekk hija kawza li taqta' fil-kompetenza tat-Tribunal skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 tal-Kap. 380** u ma hemm ebda bazi sabiex l-istess Tribunal

jissospendi l-proceduri skont l-**artikolu 7** ghaliex ma hemm xejn fit-talba li huwa barra l-gurisdizzjoni tal-istess Tribunal u lanqas hemm pendenti quddiem qorti kompententi azzjoni li l-ezitu taghha jolqot it-talba li t-Tribunal ghandu quddiemu. Mela allura din it-talba hija kompetenza tal-istess Tribunal u allura d-decizjoni tal-istess Tribunal Ghal Talbiet Zghar qed tigi revokata u annulata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380,** din il-kawza qed tigi differita sabiex jigi trattat il-mertu fid-dawl tal-eccezzjoni tal-appellati konvenuti u tinghata eventwalment decizjoni dwar il-mertu.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellati Carmelo Mifsud et datata 21 ta' Novembru 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Louis Cuschieri et fir-rikors tal-appell taghhom datat 24 ta' Gunju 2011 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li tirrevoka u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 9 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet "Louis Cuschieri et vs Carmelo Mifsud et" (Talba Numru 1717/10) u dan ghall-finijiet u effetti tal-Ligi u minflok tiddikjara li l-istess Tribunal Ghal Talbiet Zghar huwa kompetenti li jisma' dan il-kaz, u allura minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 8 (4) tal-Kap. 380, din il-kawza qed tigi differita sabiex jigi trattat il-mertu fid-dawl tal-eccezzjoni tal-appellati konvenuti u tinghata eventwalment decizjoni dwar il-mertu, minn din il-Qorti.**

**Bl-ispejjez ta' din l-istanza riservati ghal decizjoni finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------